## Minuti tal-Ħamsa u Għoxrin (25) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur Nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru, 2013 fit-3:15 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Maria Natoli kienet skużata.

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Merħba.** Is-Sindku, f' isem il-Kunsill, ta' merħba lill-ambaxxatur taż-żgħażagħ Nicholas Haber u awgura lill-Dr. Josianne Cutajar ghall-gradwazzjoni tagħħa bħala Avukat.

3. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru tlieta u għoxrin (23) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali. Il-minuti numru erbgħa u għoxrin (24) ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

4. **Suq fil-Miftuħ.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu tkellem ma Jason Debono dwar it-talba tiegħu biex ikollu "parking" mal-post fejn jarma hu. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan għandu wieħed mill-aħjar postijiet fil-monti tan-Nadur ħdejn il-kanun, kwazi fil-Pjazza. Debono talab ukoll li ħuħ li għandu post ħdejn iċ-ċentru parrokkjali jiġi trasferit fil-pjazza. Il-Kunsill irċieva email mingħand Etienne Sultana fis-Segretarjat Parlamentari fi f'ħdan il-MEDE dwar din it-talba. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba. Hemm diversi hawkers fi Triq il-Kappillan li jixtiequ jersqu l'quddiem u dawn għandhom post fejn iżomu l-vetturi magħhom. L-aħwa Debono għandhom jiġu offruti postijet fi Triq il-Kappillan fejn hemm post għal vetturi minflok wiehed minn dawn il-hawkers.

5. **Karnival 2014.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-grupp - Għaqda Dilettanti tal-Karnival mhux ser jieħdu sehem fil-Karnival 2014. Dan peress li ma kienx hemm ftehim mal-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar il-parteċipazzjoni taghhom fil-Karnival ta' Ghawdex.

6. **Streaming on line tal-laqgħat tal-Kunsill.** Josianne Cutajar qalet li l-Kunsill talab għal aktar *specifications* milli kien hemm indikat fil-memo tad-dipartiment. Is-Sindku nformuha li peress li l-Kunsill m'għandux laptops kien hemm bżonn li l-Kunsill jżid dak kollu li jkun hemm bzonn sabiex din is-sistema tkun tista tiffunzzjona, fosthom il-laptops. Is-Sindku fakkar ukoll li l-Kunsill diġa ħa deċiżjoni dwar dan is-suġġett u għalhekk ma tistax issir diskussjoni dwarha qabel sitt xhur.

7. **Partita tal-Boċċi f' San Blas.** Josianne Cutajar qalet li l-covers tad-dwal tal-partita jinsabu għand xi residenti ta' San Blas. Dwar il-bozzoz li tneħħew fil-Gnien ta' San Blas, dawn il-wires m'ghandhomx kurrent ghaddej u mhux ta' periklu. Is-Sindku ssuġġerixxa u kien hemm qbil mill Kunsill, li jerġa jsir id-dawl fil-Gnien ta' San Blas .

8. **Korrispondenza.**

(4686) Email ming]and il-GO plc dwar xogħol ta' manutenzjoni fit-Torri ta' Kenuna
(4687) Emails dwar l-installazzjoni ta' apparat fi Pjazza San Pietru u San Pawl
(4688) Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar seminar dwar l-Abbozz tal-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart 2013-2020.
(4689) Invit mill-Kumitat Reġjonali għal Għawdex għall-seminar biex iffakkar l-20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali
(4690) Email mingħand Nicholas Haber biex jieħu sehem fil-Kunsill Lokali taż-żagħżagħ taħt l-Iskema tal-Agenzija Żgħażagħ
(4691) Memo 26/2013 – Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali
(4692) Permess mill-MEPA biex jinżabru s-siġar tal-Pjazza
(4693) Cirkulari tal-OPM dwar Kampanja tal-Istrina
(4694) Email mingħand Noel Cremona f'isem iċ-ċentru taż-żagħżagħ tan-Nadur dwar attivita' tal-Milied
(4695) Stedina mis-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca għat-tnedija tal-Politika Strateġika Nazzjonali għal Anzjanita' Attiva.
(4696) Email mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali dwar Memo 23/2013 – LEAP – Building the future together promoting social mobility
(4697) Ittra mill-Gozo Action Group dwar Application for Funds under Measure 125
(4698) Applikazzjoni għall-Kunsill Lokali taż-żgħażagh
(4699) Applikazzjoni mill-Moviment Kerygma għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2013
(4700) Korrispondenza dwar Memo 17/2013 – On Line Streaming
(4701) Email mingħand Galea Curmi Eng. dwar "shifting" ta' bozza fi Triq San Blas
(4702) Email mingħand GO plc dwar tneħħija ta' Payphones
(4703) Ittra mill-Arċipriet Jimmy Xerri dwar tindif ħdejn iċ-cimiterju tan-Nadur.
(4704) Email mingħand l-uffiċċju tas-Segretarjat Parlamentari dwar il-monti

9. **Ringrazzjament.** Il-Kunsill irċieva kartolina ta' ringrazzjament mingħand il-familja ta' Bryan Portelli għal dak kollu li l-Kunsill għamel mal-familja tagħhom u għal monument li sar b' tifkira tal-mermorja tieghu. Is-Sindku ħa din l-okkazzjoni biex jirringrazzja lil dawk kollha li għenu sabiex l-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill, mifruxa fuq hmistax, kienu suċċess.

10. **Permess għaż-żbir ta' siġar.** Il-Kunsill irċieva l- permess mill- MEPA għaż-żbir tas-siġar tal-Pjazza. Fuq il-permess hemm miktub li dawn is-siġar għandhom l'fuq minn ħamsin (50) sena. Ingibdet l-attenzjoni li dawn is-siġar tħawlu fis-sena 1988 u għandhom biss madwar 25 jew 26 sena. Il-MEPA għandha tiġi

nformata dwar dan għaliex jistgħa jkun li dan il-permess mhux meħtieg kull darba li jkun hemm bżonn jinżabru dawn is-siġar.

11. **Attivita għall-Morda u Anzjani.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Noel Cremona f'isem iċ-Ċentru Parrokkjali. Hu talab f'isem iċ-Ċentru Parrokkjali li l-Kunsill flimkien maċ-Ċentru jorganizzaw attivita bħal ma sar fil-passat fejn iżuru l-anzjani u morda li ma joħorġux mid-djar. Meta jagħmlu ż-żjara tingħata tifkira f'kull dar. Hu qal li dan jiġi jiswa madwar €300. Il-Kunsill qabel li jorganizza din l-attivita u għandhom jkunu preżenti l-Kunsilliera flimkien maż-Żgħazagħ taċ-Ċentru meta jkunu ser isiru ż-żjarat.

12. **Bozza Ġdida fi Triq it-Tiġrija.** Il-Kunsill għamel applikazzjoni ma' l-Enemalta sabiex issir bozza ġdida mad-dar 104A Triq it-Tiġrjia kif talbet il-Kunsillier Josianne Cutajar. Il-Kunsill ġie nformat mill-Enemalta li din it-talba trid issir mill-Ministeru għal Għawdex peress li din hija triq arterja. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li s-Segretarja tal-Kunsill kienet diġa tat din l-informazzjoni qabel ma saret l-applikazzjoni ma' l-Enemalta.

13. **Moviment Kerygma.** Il-Kunsill irċieva formula ta' nominazzjoni għal Premju Żgħażugħ tas-Sena. Din l-applikazzjoni ser tintbagħat lil Fr. Joe Curmi li jieħu ħsieb iċ-Ċentru Parrokkjali.

14. **Monument fi Triq it-Torri Ta' Kenuna.** Josianne Cutajar informat lil-Kunsill li l-Partit Laburista ma ppreżentax fjuri ħdejn il-Monument f'Gieħ Bryan Portelli mar rapprezentanti tal-Ghaqdiet l-ohra tar-Rahal għaliex inqalghet emerġenza u r-rappreżentant tal-partit kellu jitlaq, waqt ic-cerimonja tal-inawgurrazzjoni. Is-Sindku qal li dwar dan dehret wkoll ittra f' waħda mill-gazetti lokali.

15. **Pubblikazzjoni "Hidmietna F'Isimkom".** Josianne Cutajar qalet li fl-aħħar pubblikazzjoni ta' Ħidmietna F'Isimkom" li ħareġ f'Ottubru 2013, fl-Editorjal , kien hemm xi ineżettazzi. Hi prezentat ittra dwar dan. Eucharist Camilleri talab sabiex l-ittra tiġi ppreżentata mal-korrispondenza tal-laqgħa li jmiss.

16. **Laqgħa tal-Lokalita.** Is-Sindku staqsa meta l-ahjar li issir l-laqgħa tal-lokalita. Is-Segretarja qalet li din l-aħjar issir meta l-Kunsill ikun qed jagħmel il-baġit. Sa issa l-Kunsill għadu ma ngħatax baġit għas-sena 2014.

17. **Measure 125.** Il-Kunsill ġie informat li l-applikazzjoni tal-Kunsill intgħażlet biex jieħu fondi ta' €30,000 taħt il-Measure 125 – *Infrastructure related to the development and adaptation of agriculture*. B'dawn il-fondi l-Kunsill ser jagħmel resurfacing ta' parti minn Triq Wied Bingemma. Il-Kunsill qed jistenna l-iffirmar tal-Kuntratt sabiex ikun jista joħroġ l-offerti neċessarji.

18. **Offerti.** Il-Kunsill ser joħroġ l-offerti inkonnessjoni mal-kostruzzjoni ta' bankini.

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

19. **Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.** Il-Kunsill tan-Nadur ser jieħu sehem fil-Kunsill Nazzjonali taż-żgħażagh peress li kien hemm interess miż-żgħażagħ taħt it-18 il-sena. Għal dan il-għan Dr. Rita Mifsud ser isejjaħ laqgħa tal-Kunsill taż-żagħzagħ biex jiġi diskuss proġett li għalih jistgħu japplikaw. Ser ikun hemm fondi ta' €3000 għall-proġetti li jigu maghzula.

20. **Affarijiet Oħra.** Eucharist Camilleri talab sabiex issir bankina fi Triq San Guzepp. Josianne Cutajar qalet li l-ħajt li hemm fi Triq bla isem fi Triq San Blas fuq il-Wied ta' San Blas huwa baxx u jista jkun ta' periklu.

Il-laqgħa ntemmet fil-17:30. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

**Ċharles Said, Sindku**



**Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali: Nadur**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **26/10/13 sa 21/11/13**

| Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice |
|---|---|---|---|---|---|---|
| MITA | €833.69 | €833.69 | | Maintenance | 15/11/13 | SIN029073 |
| Oliver Signs | €108.56 | €108.56 | | 2 Stop signs | 18/11/13 | 2276 |
| John Ivan Xuereb | €1,145.00 | €1,145.00 | | October | 31/10/2013 | |
| Mario Mallia | €29.91 | €29.91 | | Stop sign | 16/11/13 | 1799 |
| Antonella Said | €56.95 | €56.95 | | Gift for Therese Finger | 11/11/13 | |
| Ta' Kenuna Bar & Restaurant | €650.00 | €650.00 | | Reception for 130 persons | 03/141/13 | |
| Joseph Camilleri | €91.60 | €91.60 | | 1 roll nylon | 30/10/13 | 1837 |
| Peter Paul Said | €212.93 | €212.93 | | Hiring of machinery | 16/11/13 | 3305 |
| Manuel Mercieca | €40.00 | €40.00 | | 100 folding chairs | 13/11/13 | 808 |
| Tac-Callu Turnkey Con. Ltd. | €1,575.84 | €1,575.84 | | Works on pavements | 19/11/13 | 60/2013 - 53/2013 |
| Go Plc | €141.13 | €141.13 | | November bills | 14/11/13 | 555/1056/555/105 ? |
| Attard Confectionery | €325.00 | €325.00 | | Reception for 60 persons | 11/11/13 | 38 |
| Axiak Bros. Stone Dec. Ltd | €667.00 | €667.00 | | 3 Round Steps | 22/10/13 | 9651 |
| Eagle Security Systems | €831.90 | €831.90 | | Installation of CCTV Cameras | 11/09/13 | 508 |
| Joseph Louis Meilak | €175.00 | €175.00 | | Trophy - Gieh in-Nadur | 11/08/13 | 0002/13 |
| Carmel Mifsud | €857.44 | €857.44 | | Hiring of trucks | 30/10/13 | 193 |
| Michael Refalo | €2,383.60 | €2,383.60 | | Hiring of 2 mobile toilets | 16/11/13 | 3556 |
| Galea Curmi eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract manager Fee | 11/01/13 | 2234 |
| Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | October | 11/07/13 | 15 |
| J.D.B. Digital Printing | €200.00 | €200.00 | | Flyers | 17/10/13 | 8994 |
| | | | | | | |
| **total** | **€10,596.67** | **€10,596.67** | | | | |

Sindku ______________________ Segretarju Eżekuttiv ______________________

Kunsillier ______________________ Kunsillier ______________________

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gatt Tarmac Ltd. | €776.96 | €776.96 | | Supply of cold asphalt | 11/06/13 | 1309 |
| Xerri's Garden Centre | €260.00 | €260.00 | | Olive trees | 21/10/13 | 2144 |
| Sammy Attard | €1,955.00 | €1,955.00 | | Water supply | 11/05/13 | 46 |
| P & J Debono Cons. Ltd | €73.03 | €73.03 | | Cement | 31/10/13 | 16548 |
| Joseph Cauchi | €422.00 | €422.00 | | October | 13/11/13 | 70/71 |
| Rita Mifsud Attard | €41.63 | €41.63 | | Blood donation refreshments | 11/09/13 | |
| Marvin Camilleri | €222.00 | €222.00 | | Works at ta' Kenuna Garden | 22/11/13 | |
| Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | | Ta' Kenuna | 11/01/13 | 33 |
| Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | Cleaning of Public convenience | 11/04/13 | 8664091 |
| VOID | VOID | VOID | | VOID | | VOID |
| Kop. Ghawdxija tal-Indafa Pubblika | €3,971.00 | €3,971.00 | | 22 days refuse collection - October | 31/10/13 | 16597 |
| Cloud 9 Audio & DJ Services | €140.00 | €140.00 | | Bryan Portelli Monument Inauguration | 11/04/13 | C10/2013 |
| Gelluxa Supplies Ltd. | €33.00 | €33.00 | | 2c/s Salt and Vinegar crisps | 11/04/13 | 15764 |
| Horace Enterprises Ltd. | €153.00 | €153.00 | | Trophies and Medals | 11/01/13 | 6398 |
| Mary Attard | €74.52 | €74.52 | | Library | 31/10/13 | |
| VOID | VOID | VOID | | VOID | | VOID |
| Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel | 31/10/13 | |
| Marindex Ltd. | €150.00 | €150.00 | | Meals, Roses and tokens | 24/10/13 | 91 |
| Clifford Vella | €7.50 | €7.50 | | Places of interest in Gozo book | 31/10/13 | 407/13 |
| Cauchi Transport | €259.60 | €259.60 | | Transport of war vehicles | 15/11/13 | 3664 |
| **total** | **€8,933.99** | **€8,933.99** | | | | |
| **balance B/F** | **€10,596.67** | **€10,596.67** | | | | |
| **sub total** | **€19,530.66** | **€19,530.66** | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Environmental Landscapes Cons. | €450.00 | €450.00 | | Spraying palm trees | 11/07/13 | 10166 |
| Giovann Vella | €125.14 | €125.14 | | Gebuba wine bar- drinks for Jum il-Kunsill activity | 15/11/13 | |
| Ghaqda ta-Nar San Pietru u San Pawl | €88.00 | €88.00 | | Salut - Bryan Portelli | 11/03/13 | 9596010 |
| Victor Agius | €957.00 | €957.00 | | Restoration of Bronze Monument | 31/10/13 | 4 |
| Anthony Mercieca | €149.39 | €149.39 | | Bulky refuse | 31/10/13 | 856 |
| Square Cellar | €219.16 | €219.16 | | Spirits | 29/10/13 | 6206 |
| JCR Ltd. | €69.69 | €69.69 | | Tiles and Kurduna | 11/02/13 | 49739 |
| D-Square | €5.25 | €5.25 | | Stapler | 31/10/13 | 264 |
| Joseph Mercieca | €1,862.08 | €1,862.08 | | Hire and dumping of skips | 06/10/13 | 98/96 |
| Guard and Warden | €35.40 | €35.40 | | Warden services | 17/11/13 | |
| Gozo Action Group | €500.00 | €500.00 | | Local council Fee per each councillor LAG LEADER Programme project | 19/11/13 | GAGF 07/2013 |
| Waste Serve Malta Ltd. | €973.98 | €973.98 | | Waste | 15/11/13 | 43254 |
| R.A.Sons Ltd. | €81.00 | €81.00 | | Black Cement | 19/09/13 | 4507 |
| ARMS Ltd. | €260.00 | €260.00 | | 2 temporary metres for Christmas Decorations | 26/11/13 | |
| Department of Information | €9.32 | €9.32 | | Tender adverts | 28/11/13 | |
| Regjun t'Ghawdex | €77.25 | €77.25 | | Registration for seminar of the 20th Anniversary of Local Councils | 29/11/13 | |
| Charles Said | €380.63 | €380.63 | | November | 29/11/13 | |
| Rita Mifsud Attard | €1,538.55 | €1,538.55 | | November | 29/11/13 | |
| Saviour Xiberras | €1,100.77 | €1,100.77 | | November | 29/11/13 | |
| Claire Hili | €904.53 | €904.53 | | November | 29/11/13 | |
| **sub total** | **€9,787.14** | **€9,787.14** | | | | |
| **Total B/F** | **€19,530.66** | **€19,530.66** | | | | |
| **sub total** | **€29,317.80** | **€29,317.80** | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VOID | VOID | VOID | | VOID | 29/11/13 | |
| Commissioner of Inland revenue | €1,420.32 | €1,420.32 | | November | 29/11/13 | |
| Regjun t'Ghawdex | €25.75 | €25.75 | | Registration for seminar of the 20th Anniversary of Local Councils | 29/11/13 | |
| Local Council's Association | €50.00 | €50.00 | | Councillors Seminar | 04/12/13 | |
| **sub total** | **€1,496.07** | **€1,496.07** | | | | |
| **balance b/f** | **€29,317.80** | **€29,317.80** | | | | |
| **Total** | **€30,813.87** | **€30,813.87** | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier